MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 435/2006

**Saviour Cutajar.**

**vs.**

**Julian Attard.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Saviour Cutajar ID. 432060M datat 15 ta’ Mejju 2006 a fol. 1 tal-process fejn ippremetta:-

Illi fil-21 ta' Gunju 2005 ir-rikorrenti kien qieghed jaqsam Triq Dun Karm, Msida (fil-By-Pass li twassal minn Hal Lija ghall-iMsida fil-parti faccata tal-Universita` ta’ Malta) meta huwa safa mtajjar bil-karozza tal-intimat u minnu misjuqa bin-numru tar-registrazzjoni DAD-218.

Illi l-intimat kien qed isuq f'dik il-parti tal-karreggjata li twassal mill-iMsida fid-direzzjoni ta' Birkirkara, propju fil-bidu ta' Triq Dun Karm Msida. Illi bid-daqqa li qala' r-rikorrent huwa sofra danni konsistenti kemm f'danni attwali u anke danni futuri minhabba griehi u feriti li gew ikkagunati lilu. Illi difatti gie certifikat li r-rikorrenti sofra dizabbilta` ta' hdax (11%) fil-mija.

Illi kif ser jigi ppruvat waqt il-mori ta' dan ir-rikors, l-incident stradali mertu ta' din l-kawza sehh unikament u esklussivament minhabba illi l-intimat kien qed isuq b'mod negligenti, b'imperizja u b'nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi minkejja li nterpellat sabiex jersaq ghall-assunzjoni u likwidazzjoni tad-danni, l-intimat baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din l-kawza.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talab lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-incident li sehh fil-21 ta' Gunju 2005 gewwa Triq Dun Karm Msida li fih ir-rikorrenti sofra danni attwali u futuri meta huwa kien imtajjar mill-intimat waqt li dan kien qed isuq vettura numru DAD-218, sehh unikament minhabba htijiet imputabbli lill-intimat meta dan kien qed isuq b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Konsegwentement, tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, jekk huwa mehtieg anke bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, bl-imghax u b' hekk l-intimat jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni skont il-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 2 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2006.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Julian Attard datata 1 ta’ Settembru 2006 a fol. 5 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi huwa mhux responsabbli ghall-akkadut li fih safa mtajjar l-attur nhar it-12 ta’ Gunju 2005 fil-limiti tal-iMsida.

2. L-esponent kien qed isuq il-vettura DAD-218 fi triqtu, b’ velocita` regolamentari u ghad-dritt, meta hesrem l-attur, fegg quddiemu fit-triq, f’parti fejn dan qatt ma kellu jkun qed jaqsam. Bl-agir tieghu l-attur espona ruhu ghal perikolu car, ma segwiex ir-regolamenti tat-traffiku, u naqas ghal kollox milli jagixxi bhala *pedestrian* prudenti, u ma ta lill-esponent ebda possibbilta` li dan jevita l-incident.

3. Huwa nfatti gja` gie liberat minn akkuza kriminali fuq dan l-incident mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali b’sentenza tat- 2 ta’ Dicembru 2005.

Ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mit-talbiet kollha ta’ dan ir-rikors.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 5 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2006 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Richard Galea Debono ghall-konvenut. Dr. Edward Gatt u l-attur imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attur datata 17 ta’ Mejju 2007 a fol 13 tal-process fejn l-esponenti talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza ghas-smigh fuq il-lista; u l-Qorti wara li rat in-nota datata 25 ta’ Gunju 2007 laqghet it-talba u rriappuntat dan ir-rikors ghal 21 ta’ Novembru 2007 b’dan li nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Marco Ciliberti biex jisma’ il-provi a spejjez provizorjament tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fit-23 ta’ Gunju 2009 fejn deher il-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti. Il-Qorti nnominat bhala Perit Mediku lil Mr. Charles Grixti sabiex jezamina lill-attur a spejjez provizorjament attrici. Il-kawza giet differita ghar-rapport mediku ghas-7 ta’ Ottubru 2009.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti pprezentat fil-25 ta’ Frar 2010 u mahluf fit- 22 ta’ April 2010, il-verbali tas-seduti minnu mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati, l-istess rapport jinsab esebit a fol 104 tal-process.

Rat ir-rapport mediku tal-Kirurgu Mr Charles Grixti pprezentat fis-16 ta’ Settembru 2009 u mahluf fit-18 ta’ Ottubru 2010 (fol.130).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2010 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Edward Gatt ghall-attur. Il-Qorti giet infurmata li l-Perit Mediku halef ir-rapport fir-registru u ghalhekk it-terminu ghall-prezentata tan-nota ta’ periti perizjuri beda jghaddi minn dan id-digriet. Dr. Gatt talab li jsir access mill-Qorti fuq il-post. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t’ostakolu ghas-27 ta’ Jannar 2011 b’dan li d-difensuri tal-partijiet ghandhom javvicincaw il-Qorti sabiex fil-frattemp isir access fuq il-post.

Rat il-verbal tal-access datat 19 ta’ Jannar 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-kwistjoni principali f’din il-kawza hija dwar ir-responsabbilta’ tal-konvenut ghall-incident *de quo* u b’konsegwenza r-reponsabbilta’ tieghu ghar-rizarciment tad-danni sofferti mill-attur u konsistenti kemm f’*damnum emergens* kif ukoll f’*lucrum cessans*.

Illi l-attur qieghed iharrek lill-konvenut ghaliex fil-fehma tieghu l-istess konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident u l-konsegwenti danni minnu sofferti, l-konvenut jichad illi huwa b’xi mod responsabbli ghall-incident li sehh fil-21 ta’ Gunju 2005 u jeccepixxi illi r-responsabbilta’ hija tal-attur li naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega qabel qasam it-triq. Minn naha l-ohra t-tezi ta’ l-attur hija illi l-konvenut kien qieghed isuq bi b’velocita’ eccessiva, u dan jidher li huwa bbazat fuq l-asserzjoni li dan huwa hekk ghaliex huwa ntlaqat bin-naha ta’ quddiem tax-xellug tal-karozza tal-konvenut tal-marka Daewoo Celio numru ta’ registrazzion DAD218 izda spicca warajha, u wkoll ghaliex il-konvenut ma kienx lahaq rah jaqsam.

Illi fi kliem iehor l-attur qieghed jghid illi li kieku l-konvenut kien qieghed isuq bil-galbu kien jilhaq jilmah lill-attur jaqsam it-triq, izda sforz il-velocita’ li biha kien qed isuq l-attur ma lahaqx lemhu jaqsam it-triq.

Illi jinghad li f’kazijiet bhal dawn irid jigi investigat x’kienet il-kawza prossima ta’ l-incident tenut kont tad-drittijiet u r-responsabbilitajiet ta’ kull wiehed mill-utenti tat-triq, u cjoe’ kemm dak tas-sewwieq kif ukoll ta’ dak li l-mezz tieghu ma
kinitx vettura mekkanizzata izda riglejh, ghaliex anke dawn huma utenti tat-triq b’obbligi inkombenti fuqhom.

Illi skont l-**artikoli 1030** *et sequitur* tal-**Kodici Civili**, huwa responsabbli ghad-danni dak li jikkaguna hsara lil haddiehor minhabba tort da parti tieghu b’rizultat ta nuqqas ta’ prudenza, diligenza u attenzjoni ta’ *bonus paterfamilias*. Il-prova illi l-konvenut huwa hekk responsabbli tinkombi fuq l-attur li ppropona l-proceduri,

ghaliex kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **"Dr. H. Leniker v. H. Camilleri"**:-

*"Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anki jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex mhux legalment mhux obbligat li jipprova – li lincident ikun gara tort ta' l-attur)."*

Illi l-provi jikkonfermaw bhala minnu illi l-attur bid-daqqa spicca wara l-vettura misjuqa mill-konvenut. Dan mhux biss jixhdu l-konvenut innifsu izda huwa konfermat minn natura tal-hsarat li garrbet il-vettura misjuqa mill-konvenut, fosthom hsarat estensivi fis-saqaf tal-istess vettura. Pero' dan biss, u anke l-fatt li l-attur itenni li kienet il-velocita' eccessiva li pprekludiet lill-konvenut milli jilmah lill-attur in *tempo vergine* u b'hekk jigi evitat l-incident, ma jfissirx li l-konvenut kien imprudenti fis-sewqan tieghu. Prova ta' dan hija, *inter alia*, n-nuqqas ta' *brake marks*. Li kieku l-konvenut lemah lill-attur, fl-istat ta' emergenza li kienet tinholoq zgur li l-konvenut kien jiehu dawk il-mizuri idonei sabiex iwaqqaf il-vettura tieghu, liema azzjoni immedjata u evaziva kienet timmanifesta ruhha fi *brake marks* fi triq.

Illi minbarra dan wiehed ma jistax jinjora bhala fatt in-natura tat-triq li fiha sehh l-incident u l-limiti ta' velocita' permissibbli f'dawn il-kwalita' ta' toroq. Ma hemmx dubju li huwa obbligu tal-*pedestrian* li qabel ma jaqsam jiehu konsiderazzjoni tal-post minn fejn ikun qed jaqsam u joqghod attent li ma jkunx qed johloq ostakolu ghat-traffiku li jkun qed juza l-istess triq b'mod normali, b'mod li ma ghandux jahsad lill-istess sewwieqa li jkunu fit-triq. Tenut kont tat-triq minn fejn l-attur qasam hija opinjoni ta' din il-Qorti li l-ghazla li ghamel l-attur certament li ma hijiex wahda konsiljabbli, tenut kont li hija triq arterjali u dan jirrendi ghall-kaz in ezami l-obbligu tal-*pedestrian* iktar oneruz meta jasal sabiex jaqsam it-triq, iktar u iktar meta huwa ha din id-decizjoni li jaqsam minn fejn qasam.

Illi wara li ezaminat il-provi prodotti din il-Qorti thoss li hija taqbel mal-perit legali li mill-atti ma jirrizultax li l-attur ipprova li l-konvenut kien qed isuq b'velocita' eccessiva, u ghalhekk l-allegazzjoni mressqa mill-attur ma giex

ipprovata ghalkemm dan wahdu ma jservix sabiex fic-cirkustanzi jiskolpa lill-konvenut mir-responsabbilta' kollha tieghu ta' sewwieq.

Illi fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **"Citadel insurance plc et. v. Paul Scerri"** (A.C. - 22 ta' Gunju 2005 - Nru. 393/2003) gie ritenut illi l-fatt li wiehed ikun qieghed isuq fuq triq principali ma jiddispensahx mill-obbligu primarju nkombenti
fuq kull utent tat-triq li juza d-diligenza mehtiega fis-sewqan, liema diligenza hija relattiva ghac-cirkustanzi partikolari u l-kundizzjoni tat-triq. Partikolarment dwar il-velocita' eccessiva nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Elmo Insurance Agency Limited noe et. v. Awad Elbir"** (P.A. - 13 ta' Ottubru 2003, Nru. 1382/2001) illi:-

*"il-principji rikonoxxuti fil-gurisprudenza "in civilibus" rigward l-effett ta' velocita' ecessiva tal-'main road user' fuq id-determinazzzjoni tarresponsabilita' tas-sinistru, gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiva ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-driver ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan appositu, tali velocita' eccessiva fiha nfisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiva kienet l-element determinanti li pprovoka l-incident u li tista titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut, jew li jkun kkontribwixxa b'mod relevanti ghall-aggravament tad-danni kagjonati mill-istess sinistru".*

Illi kif tajjeb imbaghad jeccepixxi l-konvenut, kienet anke r-responsabbilta' tal-konvenut, bhala utent ta' triq li jiehu kura debita fil-mod kif huwa jaqsam minn naha ghall-ohra tat-triq. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Vincenzo Borg v. Karl Jue Bonett"** (A.I.C. - 10 ta' Ottubru 2005, Nru. 243/2003):-

*"t-triq ghandu dritt ikun fiha kulhadd u kulhadd ghandu obbligi u doveri x'josserva mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li jinsab fihom, sew sewwieq kif ukoll il-pedestrian, b'dawk tas-sewwieq forsi aktar oneruzi mehud*

*in konsiderazzjoni l-mezzi illi huwa juza. Dan ma jfiissirx pero' illi hemm xi presunzjoni kontra tieghu u kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-meriti"*

Illi jirrizulta mill-provi u mill-access mizmum mill-Qorti, li mill-post minn fejn qasam l-attur ma hemmx *zebra crossing*. Fi kliem iehor, l-attur kien qieghed jaqsam erba' karreggjati arterjali sabiex wasal ghan-naha l-ohra tat-triq. Il-punt minn fejn ghazel li jaqsam l-attur din il-Qorti ma thossx li huwa wiehed idoneu anke jekk jidher li dan sar sabiex huwa jkollu l-opporunita' li jaqsam l-erba karreggjati wahda wahda minflok jittenta jaqsam l-erba' karregjati b'waqfa wahda biss, u cioe' zewg karregjati f'daqqa kull darba.

Illi izda din il-konsiderazzjoni bl-ebda mod ma tezimi lill-attur mir-responsabbilitajiet tieghu bhala utent tat-triq u dan anke fil-kuntest tal-fatt li sabiex it-talbiet tal-attur kontra l-konvenut jintlaqghu jinhtieg li jigi ppruvat, fuq bilanc ta' probabilitajiet, illi l-konvenut tassew kien qieghed isuq b'mod negligenti, b'imperizja u b'nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku u li huwa kien allura l-kawza prossima tal-incident.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti taqbel mal-perit legali li dan ma jirrizultax. Kull ma jirrizulta huwa illi l-konvenut kien qieghed jipprocedi fi trieqtu meta b'mod inaspettat – ghaliex wara kollox ma tippretendiex li ssib persuna taqsam minn fejn qasam l-attur – tfacca l-attur fit-triq. Dan jikkombacja sew ma dak li xehed il-konvenut u li ma giex kontestat mill-attur illi l-attur kellu certa heffa biex jaqsam it-triq. Anzi dan huwa korroborat mill-attur stess meta jghid li kif nizzel saqajh fit-triq safa' mtajjar mill-konvenut.

Illi huwa relevanti wkoll li jinghad li t-triq li minnha kien qed jipprocedi l-konvenut mhijiex f'livell wiehed u kostanti. Cjoe', minn mar-*roundabout* tal-Universita' it-triq b'karregjata wahda li twassal ghal gol-*bypass* fid-direzzjoni ta' Birkirkara hija fil-quccata taghha f'livell iktar fil-gholi kemm mir-*roundabout* kif ukoll mill-post li kien qieghed jaqsam l-attur u li ghalhekk jaghmilha ferm difficli kemm ghall-konvenut li jilmah lill-attur fi zmien utli u kemm

lill-attur iniffsu li jilmah il-karozza tal-konvenut, jikkalkula l-velocita' taghha u jaghmel decizjoni dwar iz-zmien mehtieg biex jaqsam, dan sewwa sew kif xehed is-Surgent Maggur John Micallef.

Illi l-Qorti taqbel ukoll mal-perit legali li sostna li ma jaqbilx li t-triq hija dritta, ghaliex oltre l-triq mhijiex dritta [hlief ghal parti ta' ftit ghexieren ta' metri fejn sehh l-incident] wiehed irid jiehu kont tal-fatt illi l-livell taghha mhuwiex wiehed kostanti, fatt dan li jxekkel il-vizwali. Kien ikun iehor l-argument li kieku l-konvenut lemah jew seta' jilmah lill-attur
u minkejja li kien ghaddej b'velocita' regolametari izda gholja naqas milli jiehu prekawzjonijiet mehtiega sabiex jigi evitat l-incident. Madanakollu, tenut kont tad-dinamika kollha ta' l-incident, in-natura tal-griehi li sofra l-konvenut (li minkejja li huma gravi ma humiex kompatibbli ma' velocita' eccessiva – tant li l-attur wara l-incident qam fuq saqajh wahdu), it-triq li fiha sehh l-incident, il-vizwali ta' entrambi l-attur u l-konvenut tal-iehor li kienet toffri topografija tal-post, il-Qorti wkoll hija tal-fehma illi dan kollu ma joffrix komfort ghat-tezi attrici, u cjoe' illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident *de quo* ghaliex dan kien qieghed isuq b'mod negligenti, b'imperizja u b'nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku. Ghal kuntrarju, l-attur kien jaf ben tajjeb ir-riskji ghalih innifsu li kien qieghed jiehu meta qasam minn fejn qasam, u r-rizultat ta' dan ir-riskju m'ghandux fic-cirkustanzi jbatieh il-konvenut.

Illi dan il-Qorti thoss li hija tista' tikkonfermah minn dak li hija kkonstatat personalment waqt l-access li fejn jirrizulta l-post minn fejn qasam l-attur huwa wiehed ferm u ferm perikoluz u jirrizulta wkoll li l-parti tat-triq fejn qasam l-attur, hija pjuttost dejqa b'dan li fi ftit sekondi wiehed jaqsam dik il-parti tat-triq u allura a bazi tal-provi prodotti u fid-dawl tal-fattispecie kollha tal-kaz, jirrizulta li l-impatt sar meta l-attur ghazel li jaqsam it-triq proprju meta l-konvenut kien vicin sew tieghu u allura lanqas seta` jiehu azzjoni evasiva, ghaliex jigi li letteralment l-attur bl-azzjoni mhux mahsuba u sperikolata tieghu hasad lill-istess konvenut ghal kollox.

Illi lL-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-kawza appena citata, offriet is-segwenti riassunt tal-posizzjoni legali f'kazijiet bhal dawn, u ma jkunx inutli li dawn il-principji jigu rassodati ghal darb'ohra:-

*(1) "Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq anke jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f'posizzjoni li ma setax jevita l-investiment ta' pedestrian. Il-kaz li fih id-driver jista' jkun ezentat mir-responsabilita` hu dak biss fejn il-pedestrian, b' xi att inaspettat u subitaneu, jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu, ikun qieghed lid-driver f' posizzjoni li, anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment" – "Il-Pulizija -vs-Dockyard PC 347 Carmel Mifsud", Appell Kriminali, 26 ta' Gunju 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII P IV p 859);*

*(2) "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imam ghandu wkoll obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian f'dik il-konsegwenza" – "Il-Pulizija -vs- Alfred Caruana", Appell Kriminali, 14 ta' Mejju 1955 (Kollez. Vol. XXXIX P IV p 1031);*

*(3) "Il-pedestrian ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam 'with reasonable dispatch'. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-pedestrian meta si tratta ta' uncontrolled crossing" – "Il-Pulizija -vs- Joseph Formosa", Appell Kriminali, 4 ta' April 1959 (Kollez. Vol. XLIII P IV p 1027);*

*(4) "Hu veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali; imma biex driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista'*

*jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti ta' l-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut; u ma tistax tigi nvokata mid-driver liskriminanti ta' l-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa ta' lawtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi ta' l-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita` perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita` taghhom b margini sufficjenti ta' sikurezza" – "Il-Pulizija -vs- George Muscat", Appell Kriminali, 6 ta' Mejju 1961 (Kollez. Vol. XLV P IV p 947);*

Illi  fuq l-istess binarju hija s-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Micallef vs Joseph Sammut"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) fejn gie ritenut:-

*"Illi ma dan irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u fil-fatt irid jipprova li huwa "used such care for his own safety as is a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances (Gibb para 127)."*

Illi relevanti wkoll dak li inghad fis-sentenza **"Rita Calleja vs Joseph Agius"** (PA (JSP) 5 ta' Ottubru 1995 – Vol. LXXIX.ii.1277) ikkonfermata bid-decizjoni fl-ismijiet **"Paul Muscat et nomine vs Emanuel Galea et nomine"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) gie riaffermat il-principju  li:-

*"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza (Vol. XXXIX.iv.1031)".*

Illi ghalhekk, mill-assjem tal-provi migbura u fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta li l-attur ma ppruvax l-allegazzjonijiet tieghu u din il-Qorti thoss li kien il-komportament tal-attur li kien il-kawza prossima tal-incident b'dan li l-eccezzjonijiet

tal-konvenut qed jigu milqugha u t-talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn moghtija.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------